

Brussell, 13 ta' Lulju 2020  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0048 (COD)**

---

6800/20  
ADD 1

EF 39  
ECOFIN 188  
CODEC 182

**ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL**

---

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSIL** dwar il-Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv Ewropej (ECSP) għan-Negozji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937  
– Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

---

## **I. INTRODUZZJONI**

Fit-8 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' miżuri għall-approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, flimkien mal-Komunikazzjoni "Inlestu l-Unjoni tas-Swieq Kapitali sal-2019 - żmien li nħaffu l-proċess". Dan il-pakkett kien jinkludi ż-żewġ proposti ta' Proċedura Leġislattiva Ordinarka li ġejjin:

- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv (ECSP) għan-Negożji; u
- Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji.

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjonijiet tiegħu fl-ewwel qari fis-sessjoni plenarja tiegħu tas-27 ta' Marzu 2019.

Min-naħa tal-Kunsill, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji eżamina ż-żewġ proposti f'għadd ta' laqgħat taħt diversi Presidenzi. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ħareġ mandat biex jinnegozja ftehim mal-Parlament dwar dawn il-proposti fis-26 ta' Ġunju 2019.

Fit-18 ta' Diċembru 2019 intlaħaq qbil mal-Parlament Ewropew dwar testi ta' kompromess għar-Regolament u d-Direttiva, soġġett għal reviżjoni teknika u reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.

Fis-7 ta' Mejju 2020 u wara t-tlestija tar-reviżjoni teknika, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari tal-Parlament Ewropew approva t-testi ta' kompromess. Fit-12 ta' Mejju 2020, il-President ta' dak il-Kumitat imbagħad iffirma ittra lill-Presidenza tal-Kunsill fejn iddikjara li, jekk il-Kunsill jadotta t-testi ta' kompromess teknikament riveduti (inkluż kwalunkwe tibdil meħtieġ mill-ġuristi lingwisti) bħala l-pożizzjonijiet tiegħu fl-ewwel qari, huwa kien ser jirrakkomanda lis-sessjoni plenarja tal-Parlament li fit-tieni qari tiegħu l-Parlament għandu japprova l-pożizzjonijiet tal-Kunsill mingħajr emendi ulterjuri. L-effett ta' dan ikun li ż-żewġ atti proposti mbagħad jitqiesu bħala li ġew adottati fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjonijiet tal-Kunsill.

Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq qbil politiku dwar it-testi ta' kompromess teknikament riveduti.

B'kont meħud tal-qbil imsemmi hawn fuq u wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-20 ta' Lulju 2020, f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## **II. OBJETTIV**

Il-finanzjament kollettiv huwa soluzzjoni tat-teknoloġija finanzjarja li tipprovdi lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, b'mod partikolari lin-negozji ġodda u lin-negozju li qed jespandu, aċċess alternattiv għall-finanzjament sabiex titrawwem intraprenditorija innovattiva fl-Unjoni, u b'hekk tissaħħaħ l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Din imbagħad tikkontribwixxi għal sistema finanzjarja aktar diversifikata li tkun inqas dipendenti fuq il-finanzjament bankarju, u konsegwentement tillimita r-riskji sistemiċi u ta' konċentrazzjoni. Benefiċċji oħra tal-promozzjoni tal-intraprenditorija innovattiva permezz tal-finanzjament kollettiv huma r-rilaxx ta' kapital iffriżat għal investiment fi proġetti ġodda u innovattivi, l-aċċellerazzjoni tal-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi u d-diversifikazzjoni tal-assi.

L-għan tar-Regolament u tad-Direttiva huwa li tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tal-qafas legali applikabbli għas-servizzi ta' finanzjament kollettiv sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern ftali servizzi filwaqt li tittiejeb il-protezzjoni tal-investitur kif ukoll l-effiċjenza tas-suq u jikkontribwixxu għall-istabbiliment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

### **III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI**

#### **(a) In-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament**

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari toħloq reġim armonizzat uniku li japplika għall-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

Ir-Regolament ma japplikax għas-sidien ta' proġetti li huma konsumaturi, jew għal offerti ta' finanzjament kollettiv b'kunsiderazzjoni ta' aktar minn EUR 5 000 000 fuq perijodu ta' 12-il xahar. Barra minn hekk, għal perijodu ta' erbgħa u għoxrin xahar u fejn fi Stat Membru l-limitu tal-kunsiderazzjoni totali għall-pubblikazzjoni ta' prospett skont ir-Regolament (UE) 2017/1129 ikun anqas minn EUR 5 000 000, dan ir-Regolament għandu japplika f'dak l-Istat Membru biss għal offerti ta' finanzjament kollettiv b'kunsiderazzjoni sħiħa sal-ammont ta' dak il-livell limitu.

Ir-Regolament jipprevedi perijodu transitorju sa erbgħa u għoxrin xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, li matulu l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jistgħu (sakemm ma jkunux sadanittant ingħataw awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament) ikomplu f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli jwettqu servizzi ta' finanzjament kollettiv li huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

(b) Ir-rekwiżiti organizzazzjonali u operazzjonali

Ir-Regolament jinkludi għadd ta' miżuri biex jiproteġu lill-investituri, inklużi dispożizzjonijiet dwar il-governanza, il-valutazzjoni tar-riskju, ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, il-grad ta' diskrezzjoni li l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jistgħu jeżerċitaw meta joffru mmaniġġjar ta' portafolji individwali ta' self, trattament tal-ilmenti, kunflitti ta' interess, esternalizzazzjoni, servizzi ta' kustodja tal-assi tal-klijenti u servizzi ta' pagament, u salvagwardji prudenzjali.

(c) Awtorizzazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri ser ikunu responsabbli għall-għoti ta' awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv skont ir-Regolament.

L-awtoritajiet kompetenti li jagħtu l-awtorizzazzjoni ser jissorveljaw ukoll il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, u għandu jkollhom is-setgħa li jirtiraw l-awtorizzazzjoni f'ċerti kundizzjonijiet speċifikati.

L-ESMA (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) għandha żżomm regjistru tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv awtorizzati, u tista' wkoll titlob informazzjoni bl-għan li tiżgura li l-awtorizzazzjonijiet jingħataw b'mod konsistenti.

(d) Il-protezzjoni tal-investitur

Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jipprovdu informazzjoni lill-klijenti li tkun ġusta, ċara u li ma tqarraqx. Ir-Regolament fih miżuri dwar l-iżvelar tar-rata ta' inadempjenza, test tal-għarfien għad-dħul u simulazzjoni tal-kapaċità li jgħorru l-piż ta' telf, perijodu ta' riflessjoni prekuntrattwali, skeda bl-informazzjoni ewlenija dwar l-investment, bordijiet tal-avviżi u aċċess għar-reġistri.

(e) Komunikazzjonijiet kummerċjali

Il-komunikazzjonijiet kummerċjali jenħtieġ li jkunu identifikabbli b'mod ċar bħala tali.

L-informazzjoni li jkun fihom għandha tkun ġusta, ċara u mhux qarrieqa. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw u jaġġornaw fuq is-siti elettroniċi tagħhom il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li huma applikabbli għall-komunikazzjonijiet kummerċjali.

(f) Awtoritajiet kompetenti u l-ESMA

Ir-Regolament jistabbilixxi s-setgħat minimi ta' investigazzjoni u ta' superviżjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom. Dan jobligahom jikkooperaw ma' xulxin u mal-ESMA. Fih miżuri dwar is-segretezza professjonali u l-protezzjoni tad-data.

(g) Penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra

Ir-Regolament jistabbilixxi penali amministrattivi minimi u miżuri b'rabta mal-ksur tar-Regolament. Fih ukoll dispożizzjonijiet dwar id-dritt ta' appell, il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet, u r-rappurtar lill-ESMA ta' penali imposti.

(h) Reviżjoni

Ir-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 36 xahar mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Il-Kummissjoni ser tkun ikkonsultat lill-ESMA u lill-EBA (l-Awtorità Bankarja Ewropea) tul it-tnejn tar-rapport tagħha. Ir-rapport għandu jivvaluta 26 aspekt tar-Regolament.

(i) Żvelar ta' informazzjoni protetta

Ir-Regolament jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni billi jżid ir-Regolament preżenti mal-anness f'dik id-Direttiva li jistabbilixxi l-lista ta' atti tal-Unjoni li jikkostitwixxu l-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' dik id-Direttiva.

**IV. KONKLUŻJONI**

Il-pożizzjonijiet tal-Kunsill fl-ewwel qari għar-Regolament u d-Direttiva jirriflettu l-kompromess milħuq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjonijiet tiegħu fl-ewwel qari jikkostitwixxu pakkett bilanċjat li, ladarba jiġi adottat, ser jissodisfa l-għan li jippromwovi l-funzjonament tajjeb tas-suq intern fis-servizzi ta' finanzjament kollettiv, itejjeb il-protezzjoni tal-investitur kif ukoll l-effiċjenza tas-suq, u jikkontribwixxi għall-istabbiliment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.